MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 735/2006

**Joseph u Mary konjugi Attard u Lawrence Attard**

**vs**

**Charles Abela u Anthony Abela**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Joseph u Mary konjugi Attard u Lawrence Attard li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-atturi sofrew danni f'incident illi sehh nhar is-27 ta' Lulju 2006, meta gew aggrediti mill-konvenuti. Illi fil-fatt l-atturi gew imsawwta u kawza ta' hekk sofrew griehi ta' natura permanenti fuq persunithom;

Ghalhekk l-atturi sofrew danni konsiderevoli u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti tiddeciedi illi:

1. Bl-agir taghhom kif fuq spjegat il-konvenuti kkawzaw danni lill-atturi;

2. Tillikwida occorendo bl-opera ta' periti nominandi d-danni subiti mill-atturi;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti ihallsu s-somma likwidata lill-atturi.

Bl-ispejjez u bl-imghax il-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Charles u Anthony Abela li in forza taghha eccepew illi:

Kuntrarjament ghal dak allegat kienu propria l-atturi li aggredew lill-intimati;

L-atturi bl-ebda mod ma gew imsawta mill-intimati;

Ghalkemm l-atturi kienu obbligati li fic-citazzjoni stess isemmu n-natura tal-griehi kif ukoll vertifikat rilaxxat *a tempo virgine* dan m’ghamluhx li juri bic-car kemm l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma foloz;

Ebda danni ma gew kawzati lir-rikorrenti, tant li lanqas biss ma saret xi prova ta’ dawn fir-rikors guramentat.

Rat id-digriet tal-Prim Imhallef li permezz tieghu il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif presjeduta wara l-astensjoni tal-Qorti diversament presjeduta.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet xhieda viva voce.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti, il-koppja Attard u binhom qed jitolbu lill-Qorti tikkundanna lill-ahwa Abela jhallsuhom tad-danni li sofrew wara li, kif jghidu huma, gew aggrediti mill-ahwa Abela.  Dawn jinnegaw dan kollu u jsostnu li kienu l-istess atturi li aggredewhom.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi fis-27 ta' Lulju 2006 Anthony Abela pparkja t-truck tieghu quddiem ir-residenza tar-rikorrenti konjugi Attard.  Ir-rikorrenti l-iehor, Lawrence Attard beda jinnota n-numru tar-registrazzjoni tat-truck fuq karta.  Meta gie avvicinat minn Anthony Abela li staqsih ghal liema raguni qed jinnota n-numru, dawn bdew jilletikaw u gew fl-idejn. Anthony Abela isostni li Attard hatfu minn ghonqu. Sadanittant, wasal fuq ix-xena Carmel Abela, l-konvenut l-iehor.  Joseph Attard, minn naha l-ohra jixhed illi kienu l-ahwa Abela li aggredew lilu.  Mary Attard ippruvat tferraqhom u spiccat wegghet hi wkoll.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi prodotti u tinnota illi l-verzjonijiet li taw il-partijiet dwar kif graw l-avvenimenti li taw lok ghal din il-kawza huma konfliggenti ghall-ahhar.  Gie prodott biss xhud wiehed indipendenti, John Camilleri.

Kif irriteniet tal-Prim'Awla Qorti Civili fil-kawza Farrugia vs Farrugia fil-24 ta' Novembru 1966 (Imh. M. Caruana Curran):

> *"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-"in dubio pro reo".  Il-konflitt fil-provi, sakemm il-*

*bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha... ... . Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilità u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant 5 5. Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilità tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti." – Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef M. Caruana Curran) fl-24 ta' Novembru 1996."*

Inoltre, huwa mbaghad ritenut illi:

*"In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat." (Giordmaina Medici vs Rizzo – 28.4.2004).*

Il-Qorti tirreferi ukoll ghas-sentenza Vassallo vs Pace (Vol. LXX.ii.144) u ghas-sentenza Debono vs Scerri (30 ta' Settembru 2010) u l-gurisprudenza hemm citata.

Fid-dawl ta’ dawn il-principji, fil-kaz in ezami l-Qorti taghti piz lix-xhieda ta’ John Camilleri, ex-direttur tal-Facilità Korrettiva ta’ Kordin, li nzerta kien fl-inhawi u li, minbarra li ra l-incident isehh, ipprova ukoll jikkalma s-sitwazzjoni. Hu jixhed hekk:

> *“Jiena rajt zewg irgiel li bdew jehdulu n-numru ghax ipparkjawlu quddiem il-garaxx u bdew jghidu kliem bhal naghmlulu citazzjoni. Sadanittant kont ser indur biex nghidilhom jekk speci jekk hu garaxx icaqilquha pero lanqas ilhaqt dort ...... u hux Carmel jew Antoine ma nistax nghid, ahna qeghdin hawn hekk innehhihielu, qisu distanza tul din l-awla jew metru jew tnejn ohra. Jiena smajt xi kliem ta’ protest fis-sens ta’ pulizija u hekk ...... Jiena rajt lil Antoine Abela u jekk minix sejjer zball lil certu anzjan jismu Joseph imqabbdin flimkien. Rajt li pprova jinqala’ minn ma’ Joseph u ma nqalax ghax kien qed izommu sew. Rajt ukoll li tah daqqa bil-minkeb go wiccu. Din id-daqqa qalaghha fil-genb ta’ wiccu. Il-movimenti ta’ idejh kien juri biex jinqala minn mieghu. Antoine Abela zelaq u gie dahru mal-hajt pero’ Joseph Attard baqa’ imwahhal mieghu. Nell’frattemp Joseph Attard kien lahaq dawwar wiccu u hadu in full face bil-minkeb. Naf li imbaghad dahal fiha Carmel Abela u kif ukoll Lawrence Attard u smajtu jghid ‘don’t fight u don’t fight’ u ghal naqra ma telax fuq il-karozza darba minnhom. Jiena ma rajt lil hadd jaghti daqqa lit-tifel. Mort nikkalma lil Antoine Abela u hadtu n-naha l-ohra tat-triq. Jiena kont dahari lejn l-ohrajn u ghalhekk dak li seta gara ma nistax nghid. Meta kkalmajt lil Antoine Abela, pruvajt nikkalma lil Antoine Abela u gie fuq in-naha l-ohra tat-triq u s-sitwazzjoni kkalmat. Sadanittant, sakemm is-sitwazzjoni kkalmat gie jigri mid-drive in l-anzjan Joseph b’sikkina kbira f’idejh u Lawrence mar jikkalmah. Jiena ma kontx in-naha ta’ fejn kien hemm is-sikkina. Naf li dak in-nhar is-sinjur Anthony Abela nehha*

*l-flokk u dawwarha ma jdejh meta Joseph Abela kien gej fid-direzzjoni lejh pero' bdew izommuh. Bdew izommu lil Joseph Attard. Familjari ta' Joseph Attard irnexxielhom jehduh lejn id-dar u Carmel Abela u Antoine Abela sadanittant dort fuqhom u ghidtilhom tuni l-kelma taghkom u tergghux tigi lil hawn. Dhalt gewwa fid-drive u kellimt lil Joseph. Joseph Attard baqa' aggressiv u mieghi ukoll kien aggressiv u qalli biex ma nindahalx u biex nitlaq lil hemm. Fl-ebda hin ma missni. Nghid li waqt li Antoine Abela kien maqbud ma' Joseph Attard, il-mara ta' Joseph Attard marret biex tferraqhom u anke Lawrence mar biex iferraqhom u bil-movimenti li kien hemm waqa. Naf li waqghu xi nies fuqu. Kienx Antoine jew Carmel li waqa' fuqu ma nistax nghid. Jiena ma rajt lil hadd isawwat lill-mara ta' Joseph Attard."*

Inoltre, dan ikompli hekk:

*"Jiena ma rajtx lil Antoine Abela jaghti bil-ponn lil hadd. Jigri wara l-ohrajn rajtu lil Carmel Abela pero' jaghti bil-ponn ma rajtux."*

P.S. 428 Debattista kien xehed illi:

*"Meta jiena kont fuq il-post, hadd mill-familjari ta' Attard ma qaluli li Carmel Abela tahom xi daqqa jew li kien involut f'xi glieda."*

Fid-dawl ta' din ix-xhieda, li ma giet kontradetta bl-ebda mod, din il-Qorti ma tasalx ghal dik il-konvinzjoni li r-rikorrenti

irnexxielhom jippruvaw l-allegazzjonijiet taghhom. L-oneru impost fuqhom mill-ligi ma giex sodisfatt.

Il-Qorti ma tistax ma tmurx oltre u tikkumenta fuq il-faqar tal-provi prodotti dwar danni allegatament subiti mir-rikorrenti. Ic-certifikati medici rrilaxxati "*a tempo vergine*" ma gew segwiti bl-ebda mod. Il-griehi li sofra Joseph Attard fit-tilwima kienu gew originarjament certifikati bhala "*slight save complications*". Ma ngabet ebda prova barra minn dan. Maria Attard qatt ma marret l-isptar. Giet ezaminata xi granet wara l-incident fil-polyclinic u nstab li kellha tbengil. Ma jirrizulta ebda prova ta' xi danni permanenti. Il-konjugi Attard, it-tnejn jallegaw hsara fi snienhom. Ma gie pprezentat ebda certifikat ta' dentist fir-rigward. Ghar-rigward tal-hsara li sofra Lawrence Attard, il-Qorti tinnota li dan qatt ma xehed f'dawn il-proceduri. Kien gie ezaminat minn espert mediku fil-proceduri kriminali u l-istess espert kien ikkonkluda li l-hsara fl-imnieher li minnha kien qed jilmenta Lawrence kienet antecedenti ghall-incident.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat fis-sens li ntqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza, tichad it-talbiet tar-rikorrenti ghaliex mhux pruvati.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------